A.L. 386 ta' l-2003

ATT DWAR ISTITUZZJONIJIET FINANZJARJI (KAP. 376)

Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti ta' l-2002 dwar Pieni u Penali għal Reati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 22 ta' l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, il-Ministru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti ta' l-2002 dwar Pieni u Penali għal Reati u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Pieni u Penali għal Reati, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali" .

A.L. 357 ta' l-2002.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fil-5 ta' Diċembru, 2003.

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fl-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolament prinċipali, minnufih wara l-aħħar paragrafu, għandu jidħol dan li ġej:

"Kull persuna li tinsab ħatja ta' reat taħt xi disposizzjoni oħra ta' l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħt l-Att, li ma hemmx speċifikament provdut dwaru f'din l-Iskeda, tista' teħel multa ta' mhux anqas minn Lm100 u mhux iżjed minn Lm10,000 jew priġunerija għal mhux iżjed minn sena, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.".

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. Fit-Tieni Skeda li tinsab mar-regolament prinċipali, minnufih wara l-aħħar paragrafu, għandu jidħol dan li ġej:

"Kull persuna li tikser xi disposizzjoni oħra ta' l-Att jew ta' regoli jew regolamenti li saru taħt l-Att jew ta' xi direttivi, u li jistgħu jagħtu lok għall-imposizzjoni ta' penali amministrattiva li ma hemmx speċifikament provdut dwarha f'din l-Iskeda, tista' teħel penali ta' mhux anqas minn Lm100 u mhux iżjed minn Lm10,000 jew penali sa Lm100 għal kull ġimgħa (jew parti minn ġimgħa) li matulha jkompli n-nuqqas, jew dawk il-penali flimkien, skond il-każ.".